MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2085/2002

***Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-
drittijiet tal-assigurata taghhom Yvette Camilleri u l-istess Yvette Camilleri f'isimha proprju***

***vs***

***Carmelo Bonello***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' erba' mija u zewg liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm402.19) rappresentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici nomine fuq vettura YVE 333 assikurata *comprehensive* hlief ghall-hamsin lira Maltin (Lm50) *excess* u ghal liema somma s-socjeta' attrici nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Yvette Camilleri u dana b'rizultat ta' habta li grat fit-13 ta'

Novembru 2001 go Hal Balzan, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura JAF 453 u habat mal-vettura YVE 333 ta’ Yvette Camilleri u misjuqa minnha u ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-15 ta’ Frar 2002 u tas-26 ta’ April 2002, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u Lm10 konsult, kif ukoll bl-imghax ta’ 8% fuq l-ammont ta’ Lm402.19 mill-15 ta’ Frar 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta’ Ottubru 2002 fejn huwa eccepixxa illi:

1. L-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta’ l-attrici Yvette Camilleri.
2. Illi ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici nomine.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, ta’ P.S. 1043, Frankie Pace u ta’ Monica Busietta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ Dokument FP1 u FP2, konsistenti fl-iskizz tal-habta u r-*road accident report*, flimkien mas-*survey report*, kif ukoll ricevuti tat-tiswijiet maghmula fil-vettura ta’ l-attrici.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh mar-*roundabout* ta’ Hal Balzan, vicin il-hanut tal-Bathroom Design, precisament ir-*roundabout* li tinsab fi-bidu ta’ Naxxar Road, *roundabout* li tirregola t-traffiku ghal diversi toroq li jaghmlu minnha. L-incident sehh ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ filghodu. Iz-zewg vetturi kienu gejjien mill-istess direzzjoni u cioe’ kienu qed jinsaqu fil-

By-Pass ta' B'Kara. It-tnejn li huma kienu bi hsiebhom jaqbdu r-*roundabout* in kwistjoni sabiex jibqghu sejrin lejn id-direzzjoni tal-Mosta. L-attrici kienet qieghda ssuq fuq l-*outer lane* fil-By Pass u meta qabdet ir-*roundabout*, baqghet fl-istess karreggjata. Il-konvenut min-naha l-ohra kien qieghed isuq man-naha tal-karreggjata ta' gewwa tal-By-Pass u meta qabad ir-*roundabout* baqa' fl-istess karreggjata.

L-attrici tikkontendi illi hekk kif hi waslet fuq l-*istop sign* mat-tarf tal-By-Pass ta' B'Kara hija waqqfet sabiex tara kienx gej traffiku mid-direzzjoni tal-Mosta qabel ma tohrog sabiex iddur mar-*roundabout*. Kif rat li ma kienx gej traffiku hija harrget bil-mod u qabdet iddur mar-*roundabout*. Tikkontendi illi hekk kif telqghet minn mar-*roundabout* il-*concrete mixer* misjuq mill-konvenut kien ghadu wieqaf fuq l-*istop sign* u ma qalax maghha. Kif kienet qieghda mar-*roundabout* lemhet il-*concrete mixer* tal-konvenut gej vicin taghha, tant illi anke ommha li kienet riekba bhala passiggiera hdejha bdiet twerzaq, izda ghalkemm ippruvat tissikka kemm tista' mar-*roundabout*, it-trukk xorta hadha bil-hadid li kellu fil-parti ta' wara in-naha tal-lemin tieghu, tant illi kaxkar in-naha ta' quddiem tal-vettura taghha biex b'hekk il-fanal u l-*hub cap* taru ghat-triq. Il-konvenut lanqas induna u baqa' isuq. Ghalhekk hija gibbditlu l-attenzjoni bil-horn u l-konvenut waqqaf distanza ta' zewg vetturi 'il boghod minnha. Rigward l-iskizz esebiet bhala Dokument FP2, hija tghid illi l-posizzjoni tat-trukk kien daqsxejn angolat min-naha ta' quddiem lejn ir-*roundabout* u mhux dritt kif indikat fuq l-istess skizz.

Omm l-attrici, Monica Busietta, tikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif esposti minn bintha l-attrici fix-xhieda taghha. Hija kienet riekba fis-*seat* tal-passiggier fil-vettura misjuqa mill-attrici. Hija wkoll tikkontendi illi meta bintha harget minn fuq l-*istop sign* li hemm fit-tarf tal-By-Pass, il-*concrete mixer* misjuq mill-konvenut kien ghadu wieqaf fuq l-*istop sign* fil-karreggjata ta' gewwa tal-By-Pass. Hija tghid illi kif bdew iduru mar-roundabout lemhet il-*concrete mixer* gej vicin hafna tal-vettura taghhom. Tghid illi hekk kif ghadda minn maghhom, it-trukk gibed in-naha ta' quddiem tal-

vettura ta' bintha. Hija tikkontendi illi l-*concrete mixer* laqghet il-vettura ta' bintha bil-hadid li kellu sporgut fil-genb tieghu u mhux kif jikkontendi l-konvenut bir-rota tieghu ta' wara.

Il-konvenut jikkonferma illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien qieghed isuq trukk *six-wheeler*, *ready-mix*, bin-numru ta' registrazzjoni JAF 453. Huwa jikkontendi illi kif wasal fit-tarf tal-By-Pass ta' B'Kara naqqas l-ispeed, ra li ma kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni tal-Mosta u baqa' hiereg. Kien diga qabad ir-*roundabout* u kien qieghed idur meta f'daqqa wahda sema' hoss in-naha ta' wara tat-trukk u hekk kif hares mill-mera, ra vettura li bil-fanal taghha kienet laqghtet it-trukk tieghu u ghalhekk waqqaf immedjatament. Huwa jghid illi meta lemah il-vettura ta' l-attrici, din kienet qieghda vicin ir-*roundabout* u hu kien fuq in-naha ta' barra. Huwa jghid illi wara l-incident l-

attrici bdiet issostni illi huwa kien rassha mar-*roundabout* u huwa cahad illi fil-fatt kien ghamel dan.

Illi ghandu jigi rilevat illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut lill-pulizija li nvestiga dan l-incident hija is-segwenti: "*was turning with the roundabout and the vehicle came on the inner side and collided with it with the rear wheels*." Din il-verzjoni hija kemmxejn differenti minn dik moghtija quddiem it-Tribunal ghaliex anke s-surgent Pace ighid illi l-konvenut kien allega illi l-attrici kienet marret biex taqilghu min-naha ta' gewwa u b'hekk laqtitu. Fix-xhieda tieghu huwa jaghti x'jifhem illi fil-fatt lill-attrici lanqas biss kien lemahha qabel l-impatt, izda induna illi kienet sehhet il-kollizzjoni peress illi sema' hoss u kif hares fil-mera ra l-vettura ta' l-attrici, u ghalhekk ma jistax x'ighid x'kienet qed taghmel l-attrici qabel ma sehh l-impatt. Jikkonferma inoltre illi l-attrici kienet qieghda fil-karreggjata tat-triq vicin ir-*roundabout*.

Illi t-Tribunal ftit li xejn jista' jaghti piz lix-xhieda tal-konvenut u dana peress illi jidher illi mill-vettura ta' proporzjonijiet kemmxejn goffi u gholja, huwa lanqas biss kien induna bil-vettura ta' l-attrici li kienet qed tinsaq vicin tieghu, tant illi meta laqghat l-istess vettura lanqas biss

induna. Fil-fatt il-*concrete mixer* minnu misjuq ma sofra l-ebda danni f'dan l-incident. Illi mix-xhieda jidher car illi l-attrici dejjem baqghet issuq fuq in-naha taghha tat-triq u cioe' illi mill-mument illi hija harrget minn fuq il-By-Pass ta' B'Kara sakemm qabbdet ir-*roundabout* u wkoll hekk kif kienet qed iddur mar-*roundabout* hija dejjem zammet fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Fil-fatt anke l-iskizz Dokument FP2, jindika illi l-vettura ta'l-attrici kienet tinsab nofs metru biss 'il boghod minn din ir-*roundabout*.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-kawza prossima ta' l-incident kien in-nuqqas ta' prudenza u diligenza fis-sewqan tal-konvenut illi messu fl-ewwel lok qaghad iktar attent peress illi l-vettura minnu misjuqa hija ta' proporzjonijiet kemmxejn ikbar minn dawk ta' vetturi normali u fit-tieni lok jidher illi hekk kif hareg mill-By-Pass u kiser mar-*roundabout* huwa invada l-karreggjata li fiha kienet qed issuq l-attrici b'tali mod illi huwa laqghat il-ponta tal-vettura taghha in-naha tax-xellug bil-parti ta' wara tieghu n-naha tal-lemin.

Illi anke n-natura tal-hsarat timmilita kontra l-konvenut, ghaliex ma huwiex possibbli, kif jikkontendi hu illi l-attrici setghet dahhlet fih bil-ponta tal-vettura taghha n-naha tax-xellug, meta fl-ewwel lok, huwa kien qieghed isuq iktar 'il quddiem minnha u fit-tieni lok l-attrici kienet qed issuq ezatt mar-*roundabout*. Hija iktar verosimili ghalhekk il-verzjoni ta' l-attrici kif korroborata minn ommha illi l-konvenut hekk kif gie sabiex idur mar-*roundabout* ma kkalkolax il-vetturi li kienu qed jinsaqu biswiet tieghu b'mod ghalhekk illi huwa rass mal-vettura ta' l-attrici u laqghatha hekk kif ghadda minn hdejha.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ghandu jinghad illi l-atturi irnexxielhom jipprovaw l-ammont tad-danni reklamati u dana permezz tad-dokumenti esebieti oltre l-fatt illi l-konvenut fl-ebda mument ma kkontesta l-*quantum* mitlub.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine et., s-somma ta'

erba' mija u zewg liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm402.19), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-15 ta' Frar 2002, tas-26 ta' April 2002 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------